MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 8/2006

**Emanuel Gauci**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Emanuel Gauci (ID 0336865) fejn gie premess :-

Illi l-esponenet kien tressaq akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-

Gzejjer, fit-23 ta’ April, 2001, u matul l-ahhar xhur qabel dina d-data: -

a) assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittrafika medicina (kokajina) f’dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni;

b) importa, jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta, hlief skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifika fl-ewwel skeda tal-Ordinanza, Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolamet 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif susegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima ta’ l-Ordinanza, u

meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta, awtorizzat li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzai li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

e) bhala ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma' kellux jedd, u barra milli accetta l-hlas, l-weghda jew l-offerta, kien fil fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supt N Harrison) (Spt Norbert Ciappara) vs Emmanuel Gauci" l-esponent ma nstabx hati tal-akkuza (e), izda nstab hati tal-ewwel, it-tieni, tat-tielet, u r-raba' akkuza, u gie kkundannat ghal hames (5) snin prigunerija u multa ta' tlett elef lira maltija (Lm3000);

Illi fil-25 ta' Ottubru l-esponenet ipprezenta rikors tal-appell mill-imsemmija sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab li dik l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) tiddikjara li s-sentenza appellata mhijiex ezegwibbli fil-konfront tieghu u li ma tikkostitwixxi l-ebda stat fil-konfront tieghu;

2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba u fl-eventwalita' li din l-ewwel talba tigi michuda, tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermha f'dik il-parti taghha fejn sabet lil-appellant mhux hati tal-hames akkuza, thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel erba' akkuzi w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, u fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravji fuq il-mertu u tirriforma l-istess sentenza f' dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena;

Illi b'sentenza tat-2 ta' Frar 2006 il-Qorti tal-Appell Kriminali astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-appell intavolat mill-esponent billi ddikjarat l-appell bhala wiehed irritu u null stante' li gie pprezentat b'okkju skorrett w interpost f'isem appellant li ma jikkorrispondix ghall-isem korrett li gie ndikat fis-sentenza appellata (Emmanuel minflok Emanuel);

Illi l-fatti li qieghdin jaghtu lok ghal din il-lanjanza ta' indoli kostituzzjonali mill-esponent huma s-segwenti. Dakinkar li gew decizi l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti fit-13 ta' Ottubru 2005, l-esponent inghata seduta stante kopja tas-sentenza dattilografata, li zewg kopji ohra identici ghaliha gew ukoll inseriti fit-process (u wahda minhom kienet iffirmata mill-Magistrat Joseph Cassar u anke' d-Deputat Registratur), fejn l-okkju kien indikat bhala "Il-Pulizija (Supt. N. Harrison u Spt. Norbert Ciappara) vs E<u>mm</u>anuel Gauci." L-esponent appella a bazi ta' din is-sentenza moghtija lilu, u cioe' bhala Emmanuel u mhux Emanuel Gauci, kif hekk kellu jsir stante' li fl-okkju hu kien indikat bhala Emmanuel u mhux Emanuel (kif jismu fir-realta'). Waqt it-trattazzjoni tal-appell, id-Deputat Registratur tal-Qorti tal-Appell Kriminali gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li inserita fit-process tal-kawza kien hemm l-original tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li kienet miktuba bl-idejn mill-Magistrat. Mill-okkju ta' din is-sentenza miktuba bl-idejn huwa indecifrabbli, almenu ghall-ghajn mhux esperta fil-kaligrafija, jekk l-isem huwiex indikat bhala Emanuel jew Emmanuel, ghalkemm l-ispazju notevoli li hemm bejn l-ittra 'E' u l-ittra 'a' jindika li hemm "mm" fl-okkju. L-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonkludiet diversament, anzi

qalet li kien self-evident li isem l-appellant fl-okkju kien miktub b' "m" wahda u mhux tnejn;

Konsegwentement il-Qorti tal-Appell Kriminali, minghajr ma ezaminat il-mertu tal-appell, iddikjarat irritu w null ir-rikors tal-appell ipprezentat mill-esponent stante' li gie pprezentat b'okkju skonrett w intenpost f' isem appellant li ma jikkorispondix ghall-isem korrett li gie ndikat fis-sentenza appellata (Emmanuel minflok Emanuel), u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu;

Illi l-konsegwenza drakonjana li waslet ghaliha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha u cioe' li diskrepanza f'ittra mill-isem shih tar-rikorrent timporta n-nullita' tar-rikors tal-appell tieghu, twassal ukoll ghal lezjoni tad-dritt tal-esponent ghal access ghal qorti, li huwa parti integrali mid-dritt tieghu ghal smiegh xieraq (artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta);

Illi barra minn hekk, il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar il-mod kif inhu miktub isem l-esponent fis-sentenza miktuba mill-Magistrat (u cioe' b' 'm' wahda) twassal ukoll ghal lezjoni tad-dritt fondamentali tal-esponent ghal smiegh xieraq kif protett u sancit fl-artikolu 39(7) tal-Kostituzzjoni u cioe' li hu jinghata kopja tas-sentenza ghall-uzu tieghu, liema sentenza naturalinent trid tkun wahda fidila u korretta mal-original, u stante' li s-sentenza moghtija lilu skond il-Qorti tal-Appell ma hix <u>fidila u korretta, gie li l-esnonent ma nghatax kopja tas-sentenza u ghalhekk gie lez dan id-dritt fundamentali tieghu, u minhabba f'dan hu sofra pregudizzju gravi li b'konsegwenza tieghu hu llum jinsab inkarcerat u s-sentenza tal-Ewwel Qorti konfermata minghajr ma nghata l-opportunita li jkollu l-appell tieghu ezaminat fuq il-mertu;</u>

Illi wkoll fi kwalunkwe kaz, irrispettivament minn kif jigi nterpretat li kien miktub isem l-esponent fis-sentenza miktuba bl-idejn, il-gustizzja b'mod partikolari f'kaz serju bhal dan, fejn il-konsegwenza hi li r-rikorrent jibqa' nkarcerat ghal hames snin sakemm ikollu erbgha u sittin sena, oltre' li jkollu jhallas multa ta' Lm3000, ma ssirx billi jigi dikjarat irritu u null appell ghax ir-rikorrent mexa kif suppost mexa u fir-rikors tal-appell tieghu indika ismu konformement ma' kif indikat fl-okkju mas-sentenza dattilografata li giet moghtija lid-difensur tieghu seduta stante; kopja li meta mqabbla mas-sentenza tal-Ewwel Qorti miktuba mill-Magistrat, skond il-Qorti tal-Appell, kien fiha 'm' zejda fl-isem tal-esponent. Illi anke' jekk ghall-grazzja tal-argument biss dan huwa minnu, l-esponent m'ghandu bl-ebda mod jahti ghal din l-allegata diskrepanza mahluqa mill-ufficcjal tal-Qorti li ttajpja s-sentenza. Il-gustizzja mhux biss trid issir izda anke' tidher li qed issir, u f'dan il-kaz la saret gustizzja u wisq anqas dehret li saret gustizzja mal-esponent;

Illi huwa minnu wkoll li l-esponent fil-korp tal-appell tieghu ittenta jivvantaggja ruhhu b'xi mod mid-diskrepanza minima fl-isem kif indikat fis-sentenza dattilografata u ismu proprju kif indikat fic-certifikat tat-twelid, izda kieku ghall-grazzja tat-argument l-esponent irnexxa f din l-eccezzjoni tieghu u gie dikjarat li s-sentenza ma kienitx taghmel stat fil-konfront tieghu, l-unika konsegwenza kienet ser tkun li kien ikollhom jinbdew il-proceduri mill-gdid kontrih, izda ma kienx ser ikun hemm il-liberazzjoni tieghu;

Illi huwa ta' rilevenza hawnhekk l-insenjament tal-Qorti Ewropeja fir-rigward fil-kaz fl-ismijiet Belez and Others v. Czech Republic (12 ta' Novembru 2002), fejn gie ritenut hekk:

"The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule

of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights. ... It further reiterates that the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the aforementioned principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy. ... A procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed ... Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particularly strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6(1) of the Convention. There has therefore been a violation of Article 6(1) of the Convention;"

Illi bl-akbar rispett ukoll ghall-Qorti tal-Appell Kriminali, lanqas huwa minnu dak li nghad fis-sentenza taghha li din is-sitwazzjoni gabha b'idejh l-istess esponent gja appellant. Jista' jkun li bl-aggravju li qajjem l-esponent, hu attira l-attenzjoni tal-Qorti ghal din is-sitwazzjoni li mbaghad irrivolviet kontrih. Izda kieku ghall-grazzja tal-argument l-esponent appella kif ghamel u bilfors kellu jaghmel skond l-isem kif indikat fil-kopja dattilografata tas-sentenza minghajr izda ma ssolleva l-aggravju dwar in-nuqqas ta' ezegwibilita' tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-konfront tieghu, x'kien hemm milli jzomm lill-Qorti tal-Appell milli tissolleva ex officio d-diskrepanza li hemm skond hi bejn il-kopja tas-sentenza u l-original, u xorta taghmel dak li ghamlet u tiddikjara r-rikors tal-appell irritu u null? Verament ukoll, kif qalet il-Qorti tal-Appell, kien possibbli, ghalkemm mhux ragjonevolment rikjest, li r-rikorrent joqghod iqalleb il-process biex jara kienx hemm sentenza originali miktuba mill-Magistrat u joqghod iqabbel jekk din taqbilx mal-kopja dattilografata moghtija

lilu. Pero’ li kieku ghamel hekk ir-rikorrent xorta kien ser isib ruhhu riskontrat b’diffikulta’ insormontabbli, u cioe’ li ismu fis-sentenza miktuba ma jirrizultax car kif inhu miktub, u barra minn hekk li kieku ghazel li fir-rikors tal-appell inizzel ismu b’ “m” wahda, kien ikun qieghed imur kontra dak ittajpjat fil-kopja dattilografata iffirmata wkoll mill-Magistrat u d-Deputat Registratur, bil-konsegwenzi kollha li dan seta’ jgib mieghu. Illi ghalhekk l-esponent kien rinfaccjat b’sitwazzjoni li taqta’ miz-zewg nahat, li kienet timmilita kontrih f’kull triq li hu seta’ jaghzel, b’mod li twassal, kif effettivament wasslet, ghal dik li hija maghrufa fil-gurisprudenza ta’ Strasbourg bhala a disproportionate hindrance fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu;

Ghalhekk u ghar-ragunjiet kollha fuq esposti kif ukoll ghar-ragunijiet kollha li jistghu jirrizultaw fir-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jitlob li dina l-Qorti joghgobha:

1) tiddikjara illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta’ Frar 2006 fl ismijiet “Il Pulizija (Supt. N. Harrison u Spt. Norbert Ciappara) vs Emanuel Gauci” tikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif protetti u sanciti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fl-artikoli 39 (1) u 39(7) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta; u konsegwentement

2) tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta’ Frar 2006 fl-ismijiet “Il-Pulizija (Supt N. Harrison u Spt. Norbert Ciappara) vs Emanuel Gauci”;

3) tordna li l-esponent jitqieghed fil-posizzjoni li kien fiha qabel it-2 ta’ Frar 2006;

4) tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Ottubru 2005 fl-ismijiet “Il-Pulizija (Supt N. Harrison u Spt Norbert Ciappara) vs Emmanuel Gauci” fuq il-meritu;

Taghti kull rimedju iehor jew direttiva ohra li jidhrilha xierqa;

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali fejn gie sottomess :-

Illi l-allegazzjonjiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunjiet segwenti:

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat primarjament illi wara li r-rikorrent odjern gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati ghar-reati konnessi mad-droga u ssentenzjat ghal piena ta’ 5 snin prigunerija u multa ta’ Lm3000, huwa nterpona appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fl-ewwel aggravju tieghu li huwa sejjah preliminari pprova tattikament u proceduralment jiehu vantagg minn ismu peress li dan jinkiteb b’zewg modi bil-konsegwenza li skond hu dik is-sentenza ma kinitx esegwibbli kontrih. It-tieni u t-tielet aggravju rigward il-mertu u l-piena rispettivament kienu sussidjaiji ghal dan l-aggravju hekk imsejjah preliminary;

Illi dan qed jigi premess sabiex tigi manifestata l-importanza li r-rikorrent odjern kien qed jaghti ghal dik it-teknikalita’. Meta sussegwentement inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u dak li r-rikorrent ipprospetta bhala xi vantagg ghalih f’daqqa wahda dar kontrih, ir-rikorrent konvenjentement issa qed idawwar l-argumenti kollha billi jghid li l-Qorti tal-Appell Kriminali illediet id-drittiijet tieghu meta accettat l-istess argumenti tieghu pero’ taghthom xejra differenti fis-sens li minflok ma qalet li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ma kinetx esegwibbli qalet li r-rikors tal-Appell gie ntavolat f’isem hazing;

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-proceduri odjerni huma abbuz mill-process gudizzjaiju stante li r-rikorrent qed jipprova jakkwista permezz ta’ procedura straordinarja dak li hu konxjament irriskja b’detriment ghalih fil-proceduri Kriminali;

Illi dwar l-allegazzjorii tar-rikorrent li huwa sofra lezjoni tad-dritt ghal access ghal Qorti l-esponent jirribatti illi dan m’hux il-kaz stante li ma kien hemm ebda mpediment legali jew procedurali ghar-rikorrent sabiex ikollu access ghal Qorti u jressaq l-ilment tieghu, u lanqas jirrizulta li kien hemm ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

Illi anzi mill-atti tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jirrizulta li r-rikorrent kellu l-opportunita’ li jkompli javvanza t-talbiet tieghu permezz ta’ talba ghal korrezzjoni tal-okkju pero’ kien hu li deliberatament m’ghamilx uzu minn din il-procedura nonostante li kien ben konsapevoli tad-divergenza bejn issentenza manuskritta u r-rikors tal-appell tieghu u ghalhekk il-konsegwenza li jinsab fiha r-rikorrent prezentament hija attribwibbli esklussivament ghalih u mhux ghal xi nuqqas t’access ghal Qorti skond il-Konvenzjoni Ewropea ghad--Drittijiet tal-Bniedem;

Illi ipotetikament li kieku r-rikorrent flok ma approfitta ruhu mm dan id-disgwid talab korrezzjoni fl-okkju tar-rikors tal-appell tieghu sabiex l-isem jigi jaqbel mas-sentenza manuskritta li minghajr dubju hija dik originali u tali talba ghal korrezzjoni giet michuda allura forsi r-rikorrent kien ikollu argument validu. Pero’ certament ix-xenarju odjern huwa ferm differenti;

Illi dwar l-allegazzjoni ta’ ksur tad-dritt tieghu li jinghata kopja tas-sentenza ghall-uzu tieghu taht l-Artikolu 39(7) tal-Kostituzzjoni jigi rilevat illi r-rikorrent ma sofra ebda pregudizzju peress li effettivament huwa inghata kopja dattilografata tas-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati kif rikjest mill-istess Kostituzzjoni. Kwalunkwe pregudizzju li allegatament seta’ sofra kienet kawza tal-insistenza tieghu

stess li minflok li jirtira l-ewwel aggravju preliminari u jitlob korrezzjoni sabiex il-kaz ikun jista' jigi trattat u deciz fil-mertu, huwa baqa' jippersisti fuq l-inesegwibilita' tas-sentenza fil-konfront tieghu;

Isegwi ghalhekk li t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supretendent Neil Harrison u Spettur Norbert Ciappara) vs Emanuel Gauci" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2006 liema atti geww annessi wara d-digrie ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 2006;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti presentat fit-8 ta' Marzu 2006 fejn ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors saret it-talba sabiex din il-Qorti joghgobha tiehu konjizzjoni wkoll tal-ilmenti tar-rikorrenti kif kontenuti fl-imsemi ikors u ghalhekk li taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq u opportun biex tizgura it-twettiq tal-jeddijiet tar-rikorrent kif protetti bl-artikolu numru tnejn (2) tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, liema artikolu jingieb ukoll fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 6(3)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana b'zieda mat-talbiet kif kontenuti fir-rikors promutur;

Ghal kull buon fini jinghad li t-talba kif kotenuta fl-imsemmi rikors tat-8 ta' Marzu 2006 qed tigi akkolta u ghalhekk il-lanjanzi tar-rikorrenti kif kontenuti fl-istess rikors ser jigu trattati bhala parti integral ital-meritu;

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimat fejn gie sottomess :-

Illi l-allegazzjonjiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kif ventilati fir-rikors tieghu datat 8 ta' Marzu 2006 huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunjiet segwenti:

Illi m'hemm ebda ksur tal-Artikolu 2 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni kif riprodott fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dritt t'Appell tar-rikorrent qatt ma gie prekluz lilu. Effettivament saret ir-revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u giet deciza fuq punt preliminari. Kien ir-rikorrent stess bl-agir deliberat tieghu illi ostakola t-tkomplija tal-process tal-appell Kriminali meta baqa' jinsisti fuq l-eccezzjoni tan-non-ezegwibilita' tas-sentenza tal-Ewwel Qorti bhala aggravju preliminari bil-konsegwenza illi l-aggravji dwar il-mertu u l-piena poggihom subordinament u sussidjaiji ghal dik l-eccezzjoni preliminary;

Illi r-rikorrent baqa' jippersisti illi l-Appell tieghu jigi trattat f'din l-ordni anke meta kien konsapevoli tal-konsegwenzi legali li setghet igib maghha l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu tramite s-sentenzi li pprezenta huwa stess quddiem il-Qorti Kriminali in sostenn tal-argumenti tieghu dwar l-ewwel aggravju;

Illi kif diga' gie eccepit fir-rikors promotur ir-rikorrent kellu kull opportunita' legali u procedurali li jirtira l-ewwel aggravju preiiminari u jitlob korrezzjoni sabiex il-kaz ikun jista' jigi trattat u deciz fil-mertu u li n-nuqqas tieghu li jaghmel dan ma jistax issa jitqies li jammonta ghal ksur tad-dritt tieghu t'Appell;

Illi lanqas ma jidher li hemm ksur tal-Artikolu 6(3)(b) tal-Konvenzjoni kif riprodott fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi 8 t'ijiem utli mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati huma aktar minn adegwati sabiex wiehed jipprepara d--difiza tieghu tenut kont specjalment li l-proceduri in kwistjoni kienu waslu fl-istadju avvanzat tal-appell;

Illi lanqas jista' jinghad li r-rikorrent ma kellux il-facilitajiet xierqa sabiex jipprepara ghad-difiza tieghu stante li huwa kellu ghad.-dispozizzjoni tieghu dak kollu necessarju sabiex iressaq l-appell tieghu;

Isegwi ghalhekk li t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni oral ital-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 2006 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikonsidrat :

Jrrizulta li ir-rikorrenti kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'diversi akkuzi konnessi mat-traffikar u pussess tad-droga. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Ottubru 2005 ir-rikorrenti instab hati ta' uhud mill-akkuzi migjuba kontra teghu u gie kkundannat ghal hames (5) snin prigunerija u multa ta' tlett elef lira maltija (Lm3000). Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza u talab li jigi dikjarat li l-imsemmija sentenza appellata mhux ezegwibbli fil-konfront tieghu u li ma tikkostitwixxi l-ebda stat fil-konfront tieghu. Din l-ewwel talba saret in vista tal-fatt li fil-kopja dattilografata tas-sentenza li inghatat lir-rikorrenti ismu kien indikat bhala "E<u>mm</u>anuel" u mhux "E<u>m</u>anuel" kif suppost. Fit-tieni lok ir-rikorrenti talab li tithassar, tigi revokata u kancellata dik il-parti tas-sentenza fejn huwa nstab hati u sussidjarament li tigi riformata f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena;

B'sentenza tat-2 ta' Frar 2006 il-Qorti tal-Appell Kriminali astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imsemmi appell u ddikjarat li l-appell kien irritu u null peress li gie pprezentat b'okkju skorrett w interpost f'isem appellant li ma jikkorrispondix ghall-isem korrett li gie ndikat fis-sentenza appellata u cioe ir-rikors gie presentat f'isem "E<u>mm</u>anuel" minflok "E<u>m</u>anuel" b'ittra "m" wahda;

Jirrzulta li fid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati r-rikorrenti kien inghata kopja tas-sentenza dattilografata u kopja ohra bil-firma tal-Magistrat giet inserita fil-process u fejn l-okkju kien indikat bhala “Il-Pulizija (Supt. N. Harrison u Spt. Norbert Ciappara) vs Emmanuel Gauci” u cioe’ b’isem erroneu stante li isem ir-rikorrenti jinkiteb b’“m” wahda. Fil-process hemm inserit l-original tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati miktuba bl-idejn mill-Magistrat stess u in effett jidher li l-isem ta’ minn hu soggett ghal dik is-sentenza hu indecifrabbli. L-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonkludiet li kien car li isem l-appellant fl-okkju kien miktub b’ “m” wahda u mhux tnejn u ghalhekk l-istess Qorti ma kkonsidratx il-meritu tal-appell izda iddikjarat l-istess appell irritu w null u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjri tal-istess appell;

Ir-rikorrenti jilmenta –

(1) li l-imsemmija decizjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali twassal ghal lezjoni tad-dritt tal-esponent ghal access ghal qorti, li huwa parti integrali mid-dritt tieghu ghal smiegh xieraq skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

(2) li gew lezi d-drittijiet tieghu sanciti bil-provedimenti tal-artikolu 39(7) tal-Kostituzzjoni. Skond ir-rikorrenti dan l-ahhar artikolu gie les meta ma nghatax kopja fidila u korretta tal-original u ghalhekk gie li huwa ma nghatax kopja tas-sentenza;

(3) li lanqas ma nghata l-opportunita li jkollu l-appell tieghu ezaminat fuq il-mertu;

(4) li ma saritx gustizzja mieghu peress li din ma ssirx billi l-appell tieghu jigi dikjarat irritu u null fuq punt preliminari naxxenti minn diskrepanza li tirrizulta f’kopja dattilografata tas-sentenza in kwestjoni. u bhala konsegwenza l-istess appell tieghu ma jigix trattat fil-mertu;

(5) li gew ukoll lesi d-drittijiet tieghu ta’ appell kif sanciti bl-artikolu (2) tas-Seba’ Protokoll li hemm mal-Kovenzjoni u liema artikolu jingieb ukoll fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u dawk li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu kif sanciti bl-artikolu 6(3)(b) tal-istess Kapitolu 319;

L-intimat jissottometti li fl-imsemmi appell tieghu r-rikorrenti ttanta jiehu vantagg minn kif jinkiteb ismu. L-aggravji tar-rikorrenti dwar il-mertu u l-piena kienu sussidjaiji ghall-imsemmi l-ewwel aggravju. Ghalhekk ir-rikorrenti kien qed jghati hafna importanza ghal dik li tista tissejjah teknikalita’. L-intimat jissottometti li r-rikorrenti ma sofra ebda lezjoni tad-dritt ghal access ghal Qorti stante li ma kien hemm ebda mpediment legali jew procedurali ghal tali access u lanqas ma kien hemm ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrent kellu l-opportunita’ li jitlob korrezzjoni tal-okkju pero’ dan ma ghamux u ghalhekk kollox hu attribwibbli esklussivament ghal agir tar-rikorrenti. In effett ir-rikorrenti nghata kopja dattilografata tas-sentenza kif rikjest mill-istess Kostituzzjoni. Finalment l-intimat jissottometti li ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 2 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni u d-dritt t’appell tar-rikorrent qatt ma gie prekluz lilu. Saret ir-revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u giet deciza fuq punt preliminari. Ir-rikorrent baqa’ jinsisti fuq l-eccezzjoni tan-non-ezegwibilita’ bil-konsegwenza illi l-aggravji dwar il-mertu u l-piena kienu ghall-istess rikorrenti sussidjarji. Lanqas ma hemm ksur tal-Artikolu 6(3)(b) tal-Konvenzjoni kif riprodott fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li huwa kellu ghad.-dispozizzjoni tieghu dak kollu necessarju sabiex iressaq l-appell tieghu;

Mill-bidu nett ghandu jinghad li l-fatt li r-rikorrenti ttanta jivvantaggja ruhhu b’xi mod mid-diskrepanza li setgha kien hemm fil-kopja dattilografata tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma jista qatt ikun ta’ pregidizzju ghall-istess

rikorrenti. Ir-rikorrenti ghandu kull dritt li jipprova idawwar ghal vantagg tieghu kwalunkwe punt procedurali jew fil-mertu li jkun inqala fil-kors tal-process penali kontra tieghu. Ghalhekk tali punt procedurali jew fil-meritu jista jkun eventwalment ta' beneficcju ghalih. Kif svolgew l-affarijiet u kif jidher li qed jissottometti l-intimat l-insistenza tar-rikorrenti fuq il-punt preliminari minnu sollevat wassal li l-appell ma giex trattat fil-meritu jew dwar il-piena. Jidher ghalhekk li r-rikorrenti gie rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn minhabba li ttanta, bir-ragun jew le, li jiehu vantagg minn sitwazzjoni fattwali huwa sab ruhu li l-access tieghu ghal proceduri tal-Qorti gie stultifikat u ma nghatax dritt ta' appell dwar il-mertu u l-piena inflitta. Ma hemmx dubju li r-rikorrenti sab ruhu f'sitwazzjoni li hija maghrufa fil-gurisprudenza ta' Strasbourg bhala “a disproportionate hindrance” fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu fil-process penali in kwestjoni. Ma hemmx xejn irregolari li r-rikorrenti semma l-punt ta' kif tnizzel ismu fil-kopja dattilografata tas-sentenza. F'kaz li dan l-aggravju jigi respint huwa taloab li l-appell jigi trattat fil-mertu u dwar il-piena;

In effett il-Qorti Ewropeja fil-kaz fl-ismijiet Belez and Others v. Czech Republic (12 ta' Novembru 2002) irriteniet - “The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights. ... It further reiterates that the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the aforementioned principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy. ... A procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed ... Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particularly strict

construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants’ right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6(1) of the Convention. There has therefore been a violation of Article 6(1) of the Convention;”

Hu importanti ghalhekk li kollox jigi interpretat fid-dawl tal-principju tar-“rule of law”. Fil-process penali l-akkuzat ghandu ikollu rimedju effettiv sabiex jiehu d-drittijiet tieghu. Huwa ghandu ukoll ikollu protezzjoni effettiva tad-drittijiet tieghu. Aspetti procedurali huma intizi biss biex tigi assikurata l-amministrazzjoni gusta tal-gustizzja. Ghalhekk ir-regoli procedurali u l-applikazzjoni taghhom m’ghandhomx jipprekludu lill akkuzat li l-appell tieghu jigi trattat fil-meritu u b’hekk huwa ikollu rimedju effettiv sabiex jigu salvagwardati d-rittijiet tieghu;

F’dan il-kaz jista jinghad li l-Qorti tal-Appell Kriminali bid-decizjoni taghha li ma tittrattax il-meritu naqset li tissalvagwardja id-drittijiet tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq. Il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni tghana iridu jiggarantixxu drittijiet li huma prattici u effettivi u mhux drittijiet teortici u illuzorji;

Hu ovvju ukoll li r-rikorrenti kellu d-dritt li jinghata kopja korretta u fidila tas-sentenza. Hu presunt li meta r-rikorrenti nghata l-kopja huwa nghata kopja fidila tal-original. Ir-rikorrenti ghalhekk kien korrett meta mexa fuq dak li kien hemm fl-istess kopja dattilografata tas-sentenza u essenzjalment ma kienx hemm ghalfejn li r-rikorrenti jqabbel l-istess kopja mal-original;

In vista ta dan kollu jirrizulta sufficjentement li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti gew lesi u ghalhekk it-talbiet kollha tieghu ghandhom jigu akkolti u dana peress ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti jikkostitwixxu rimedju effettiv;

Ghal dawn il-motivi

Tiddeciedi billi tiddikjara illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta’ Frar 2006 fl-ismijiet “Il Pulizija (Supt. N. Harrison u Spt. Norbert Ciappara) vs Emanuel Gauci” tikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif protetti u sanciti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fl-artikoli 39 (1) u 39(7) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-artikoli l-ohra kollha indikati mir-rikorrenti u konsegwentement (2) tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta’ Frar 2006 fl-ismijiet “Il-Pulizija (Supt N. Harrison u Spt. Norbert Ciappara) vs Emanuel Gauci” (3) tordna li l-esponent jitqieghed fil-posizzjoni li kien fiha qabel it-2 ta’ Frar 2006 u (4) tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Ottubru 2005 fl-ismijiet “Il-Pulizija (Supt N. Harrison u Spt Norbert Ciappara) vs Emmanuel Gauci” fuq il-meritu u jekk ikun il-kaz dwar il-piena;

Spejjez kollha kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------